ID-DIRETTORAT GĦAL KWALITÀ U STANDARDS FL-EDUKAZZJONI
Id-Dipartiment tat-Tmexxija tal-Kurrikulu
It-Taqsima tal-Assessjar Edukattiv

**L-Eżamijiet Annwali għall-Iskejjel Primarji 2014**

**Is-Sitt Sena** **IR-RELIĠJON** **Il-Ħin: Siegħa u kwart**

**L-Isem:** ___________________________________ **Il-Klassi:** __________

## TAQSIMA A (10 marki)

## IL-KALENDARJU

**Imla l-vojt bil-kelma t-tajba mil-lista t'hawn taħt.** *(7 marki)*

| | | | |
|---|---|---|---|
| l-Għid il-Kbir | Pentekoste | l-Avvent | Kristu Sultan |
| il-Milied | l-Epifanija | ir-Randan | |

1. ________________ jibda erbat Iħdud qabel il-festa tal-Milied.

2. Żmien ________________ ifakkarna fit-twelid ta' Sidna Ġesù Kristu. Fost il-festi l-kbar li niċċelebraw f'dan iż-żmien nistgħu nsemmu ________________ li tfakkarna fiż-żjara tal-Maġi.

3. ________________ hu erbgħin ġurnata ta' tħejjija għall-akbar festa tal-Knisja li hija ________________.

4. Fil-festa ta' ________________ is-saċerdot jilbes il-kulur aħmar li jfisser l-imħabba ta' Alla u l-qawwa tal-Ispirtu s-Santu.

5. Is-sena liturġika tintemm bil-festa ta' ________________.

**Wieġeb fil-qosor.**

6. Liema huwa l-ewwel sagrament li nirċievu?

________________________________________________________________ *(marka)*

7. F'liema sagrament nirċievu lil Ġesù ostja ġewwa fina?

_______________________________________________ *(marka)*

8. F'liema sagrament l-Isqof jidilkilna moħħna biż-żejt u l-balzmu u jgħidilna: "Ħu s-siġill tad-don tal-Ispirtu s-Santu"?

_______________________________________________ *(marka)*

**TAQSIMA B** **(13-il marka)**

**IL-BIBBJA**

**Agħmel sinjal taħt it-tweġiba t-tajba.** *(7 marki)*



1. Fit-Testment il-Qadim insibu lil (Mosè, San Pietru, San Stiefnu).
2. Fit-Testment il-Ġdid insibu lil (Danjel, Iżakk, San Pawl).
3. Ġesù għażel (11, 12, 13) -il appostlu.
4. Fit-Testment il-Ġdid insibu (2, 4, 6) Evanġelji.
5. (San Pietru, San Mattew, San Pawl) huwa wieħed mill-Evanġelisti.
6. Fit-Testment il-Qadim insibu ġabra ta' (27, 46, 73) ktieb.
7. Fit-Testment il-Ġdid insibu (13, 21, 27) ittra miktuba mill-Appostli.

**Ikteb tliet (3) sentenzi fuq personaġġ li nsibu fit-Testment il-Qadim.**

a. _______________________________________________

_______________________________________________ *(2 marki)*

b. _______________________________________________

_______________________________________________ *(2 marki)*

c. _______________________________________________

_______________________________________________ *(2 marki)*

**TAQSIMA C** **(15-il marka)**

**STORJA TA' MĦABBA**

**Għid min hu l-personaġġ.** *(6 marki)*

*L-ewwel waħda qiegħda tingħata bħala eżempju.*

| | | |
|---|---|---|
| 1. | Kien lest li jissagrifika lil ibnu bħala offerta lil Alla. | **A**braham |
| 2. | It-tifel ta' Abraham. | **I**__________ |
| 3. | Ħareġ lill-poplu Lhudi mill-jasar tal-Eġittu. | **M**__________ |
| 4. | Ġie midluk bħala sultan mill-profeta Samwel. | **D**__________ |
| 5. | L-anġlu li ħabbar lil Marija li se tkun Omm Alla. | **G**__________ |
| 6. | Miet għalina fuq is-salib biex isalvana mid-dnub. | **Ġ**__________ |
| 7. | Lil dan l-appostlu Ġesù għażlu biex ikun l-ewwel Papa. | **P**__________ |

**Wieġeb fil-qosor.**

8. Liema huma l-ewwel **tliet** kmandamenti?

a. ________________________________________ *(marka)*

b. ________________________________________ *(marka)*

c. ________________________________________ *(marka)*

9. Agħti raġuni għaliex hu importanti li nobdu u nagħtu kas tal-kmandamenti.

______________________________________________

____________________________________________ *(2 marki)*



**10. Il-kuxjenza tgħinna nagħrfu x'għandna nagħmlu u x'għandna nevitaw biex nieħdu deċiżjonijiet tajbin. Aqra dawn is-sitwazzjonijiet u ikteb x'inhi l-aħjar deċiżjoni li tieħu skont il-kuxjenza tiegħek.**

a. Xi ħadd fil-klassi tiegħek qed jiġi mgħajjar minn sħabek. X'tagħmel?

__________________________________________________________________

__________________________________________________________ *(2 marki)*

b. Fl-iskola, fuq mejda fi klassi, xi ħadd ħalla warajh oġġett prezzjuż li tixtieq li jkollok. X'tagħmel?

__________________________________________________________________

__________________________________________________________ *(2 marki)*

## TAQSIMA D (10 marki)

## NIKKOMUNIKAW

**Aqra din is-silta u wieġeb fil-qosor.**



Kien hemm raġel li kellu żewġ ulied. It-tifel iż-żgħir talab lil missieru biex jagħtih sehmu. Il-missier qasam il-ġid bejn iż-żewġ uliedu. Iż-żgħir qabad kollox u telaq minn daru u mar jonfoq kollox f'ħajja mtajra. Ma damx ma spiċċalu kollox u spiċċa waħdu, jirgħa l-ħnieżer. Ħassu mdejjaq u xtaq jerġa' jmur lura d-dar għand missieru. Għalhekk iddeċieda li jqum u jmur jitlob skuża lil missieru u jitolbu biex ikun qaddej tiegħu. Imma meta l-missier rah ġej, ħareġ jiġri u beda jgħannqu miegħu. Il-missier għajjat lill-qaddejja biex jifirħu miegħu u jagħmlu festa.

*(Adattament mill-Evanġelju skont San Luqa Kapitlu 15).*

**Agħmel sinjal taħt it-tweġiba t-tajba.**

1. Din hija waħda mill- (parabboli, mirakli, ħrejjef) li qal Ġesù. *(marka)*

**Wieġeb fil-qosor.**

2. Lil min jirrappreżenta l-Missier f'din l-istorja?

_______________________________________________ *(marka)*

3. Semmi **żewġ** affarijiet li għamel il-Missier meta ra lil ibnu ġej lura.

   a. _______________________________________________ *(marka)*

   b. _______________________________________________ *(marka)*

4. F'liema sagrament Ġesù jaħfrilna dnubietna?

_______________________________________________ *(marka)*

5. Ikteb il-**ħames** passi li trid tagħmel biex ikollok qrara tajba.

   a. _______________________________________________

   _______________________________________________ *(marka)*

   b. _______________________________________________

   _______________________________________________ *(marka)*

   c. _______________________________________________

   _______________________________________________ *(marka)*

   d. _______________________________________________

   _______________________________________________ *(marka)*

   e. _______________________________________________

   _______________________________________________ *(marka)*



**TAQSIMA E** **(8 marki)**

**SIMBOLI TA' MĦABBA**

**Qabbel Kolonna A ma' Kolonna B.** *(5 marki)*

*L-ewwel waħda qiegħda tingħata bħala eżempju.*

| | Kolonna A | | Kolonna B |
|---|---|---|---|
| 1. | Kull nhar ta' Ħadd, in-Nisrani hu obbligat li jmur il-Knisja u jisma' | | mill-Bibbja. |
| 2. | Il-qari użat waqt il-quddiesa hu meħud | **1** | il-quddiesa. |
| 3. | Is-saċerdot jitfa' l-ilma u l-inbid li jinbidlu fil-Ġisem u d-Demm ta' Kristu | | menorah. |
| 4. | Fil-ħin tat-tqarbin, is-saċerdot iġib il-pissidi mimli bl-ostji | | moskea. |
| 5. | Il-Lhud, minflok ix-xemgħat li nużaw aħna l-Insara, jixegħlu kandelabru li jissejjaħ | | mit-tabernaklu. |
| 6. | Il-post fejn il-Musulmani jiltaqgħu biex jitolbu jissejjaħ | | fil-kalċi. |

**Wieġeb fil-qosor.**

7. Semmi ġrajja li nsibu fil-Bibbja li fiha jissemma s-simbolu tan-**NAR**.

_______________________________________________ *(marka)*

8. Semmi ġrajja li nsibu fil-Bibbja li fiha jissemma l-**ĦOBŻ**.

_______________________________________________ *(marka)*

9. Min qal dan il-kliem: "Ħudu u kulu; dan hu ġismi li jingħata għalikom"?

_______________________________________________ *(marka)*

**TAQSIMA F** **(9 marki)**

**ID-DAWL U D-DLAM**

**Imla l-vojt bil-kelma t-tajba mil-lista t'hawn taħt.** *(6 marki)*

| | | |
|---|---|---|
| il-Blandun | Alla | il-musbieħ |
| l-Eġizzjani | Mosè | San Pawl |

1. Fil-ktieb tal-Ġenesi naqraw li fl-ewwel jum ________________ ħalaq id-dawl u fired id-dawl mid-dlam.

2. _______________ kellhom joqogħdu tlett ijiem fid-dlam bħala kastig talli ma ħelsux lill-poplu Lhudi mill-jasar.



3. Alla kellem lil _______________ permezz ta' siġra taqbad.

4. _______________ ra dawl qawwi meta kien fit-triq lejn Damasku biex jippersegwita lill-Insara.

5. _______________ hija xemgħa twila li tirrappreżenta d-dawl tal-qawmien ta' Ġesù.

6. _______________ kien jintuża mil-Lhud fi żmien Ġesù biex idawwal il-post.

**Wieġeb fil-qosor.**

7. Semmi ħaġa waħda li ssir fil-quddiesa tal-Vġili tal-Għid.

   ___________________________________________________________ *(marka)*

8. Agħti eżempju ta' kif int tista' tkun dawl għall-oħrajn.

   ___________________________________________________________ *(2 marki)*

**TAQSIMA G** **(10 marki)**

**PONTIJIET**



**Imla l-vojt billi tkompli l-kelma. L-ewwel ittra qiegħda tingħata.**

1. Ġesù ġie fid-dinja biex isalvana mid-**d**_______________.
2. Ġesù qam mill-mewt wara **t**_______________ ijiem.
3. Bil-mewt u l-qawmien tiegħu, Ġesù fetħilna l-bieb tal-**ġ**_______________.
4. Il-Missier, l-Iben u l-Ispirtu s-Santu jissejħu t-**T**_______________ Qaddisa.
5. Ġesù kien iħenn u jagħmel il-**m**_______________ ma' kulħadd.

**TAQSIMA H** **(10 marki)**

**LANTERNI**

**Agħmel sinjal taħt it-tweġiba t-tajba.** *(4 marki)*

1. Fil-festa (ta' Corpus, ta' Lapsi, tal-Qalb ta' Ġesù) niċċelebraw it-tlugħ ta' Ġesù fis-sema.



2. (F'Pentekoste, Fl-Għid, F'Ħamis ix-Xirka) infakkru l-miġja tal-Ispirtu s-Santu fuq l-Appostli.
3. L-ewwel ħidma tal-appostli bdiet (f'Ruma, f'Malta, f'Ġerusalemm).
4. Valur importanti li għandu jkollu n-Nisrani huwa l-valur (tal-gideb, tar-rispett, tat-tpattija).

5. Ikteb **tliet (3)** sentenzi dwar il-Papa Ġwanni Pawlu t-Tieni **jew** dwar Madre Tereża fejn turi min kien/kienet u l-ġid li għamel/għamlet fil-komunità Nisranija.

   a. ______________________________________________________________

   ______________________________________________________ *(2 marki)*

   b. ______________________________________________________________

   ______________________________________________________ *(2 marki)*

   c. ______________________________________________________________

   ______________________________________________________ *(2 marki)*

**TAQSIMA I** **(7 marki)**

**IT-TALB**

**Imla l-vojt.**



1. Missierna li inti fis-smewwiet, _______________ ismek, tiġi saltnatek, ikun dak li trid int, kif fis-sema u hekk fl-art. Ħobżna ta' kuljum agħtina llum, _______________ dnubietna bħalma naħfru lil min hu ħati għalina; la ddaħħalniex _______________ iżda eħlisna mid-deni. Ammen. *(3 marki)*

**Wieġeb.**

2. Għaliex in-Nisrani għandu jitlob?

   ______________________________________________________ *(2 marki)*

3. Semmi **ż-żewġ** taqsimiet tal-quddiesa.

   a. ______________________________________________________ *(marka)*

   b. ______________________________________________________ *(marka)*

**TAQSIMA J** **(8 marki)**

**IL-QADDISIN**

**Imla l-vojt billi tkompli l-kelma. L-ewwel ittra qiegħda tingħata.** *(4 marki)*

1. Fil-**K**_______________ tissemma x-xirka tal-qaddisin.

2. Santa Marija **G**_______________ għażlet li tbati biex ma tagħmilx il-ħażin u taqa' fid-dnub.

3. Ikteb **żewġ (2)** affarijiet li n-Nisrani għandu jagħmel sabiex isir qaddis.

   a. ____________________________________________________________

   ________________________________________________________ *(2 marki)*

   b. ____________________________________________________________

   ________________________________________________________ *(2 marki)*

**TMIEM IL-KARTA**